

**Appellati:** Schneider Electric SA, (rappreżentanti: M. Pittie u A. Winckler, avukati), Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, Ir-Repubblika Franċiża

### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla Estiża) tal-11 ta' Lulju 2007, Schneider Electric vs Il-Kummissjoni (T-351/03), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza kkundannat lill-Komunità Ewropea tagħmel tajjeb, minn naħa, għall-ispejjeż sostnuti minn Schneider Electric sabiex tipparteċipa fit-tkomplija tal-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjoni li seħħet wara l-għoti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Ottubru 2002, Schneider Electric vs Il-Kummissjoni (T-310/01 u T-77/02) u, min-naħa l-oħra, għal żewġ terzi tad-dannu mġarrab minn Schneider Electric minħabba l-ammont tat-tnaqqis fil-prezz ta' trasferiment ta' Legrand SA li Schneider Electric kellha tagħti lill-akkwirenti bħala korrispettiv għall-posponiment tad-data finali għat-twettiq effettiv tal-bejgħ ta' Legrand sal-10 ta' Diċembru 2002 — Kundizzjonijiet għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità — Kunċetti ta' nuqqas, ta' dannu u ta' rabta kawżali diretta bejn in-nuqqas imwettaq u d-dannu mġarrab — Ksur "suffiċjentement serju" tad-dritt Komunitarju li jivvizzja proċedura ta' kontroll tal-kompatibbiltà ta' konċentrazzjoni mas-suq komuni

### Dispożittiv

- 1) *Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tal-11 ta' Lulju 2007, Schneider Electric vs Il-Kummissjoni (T-351/03), hija annullata sa fejn:*
  - tikkundanna lill-Komunità Ewropea tikkumpensa żewġ terzi tad-dannu invokat minn Schneider Electric SA minħabba l-ammont tat-tnaqqis fil-prezz tat-trasferiment ta' Legrand li hija tat lill-akkwirenti bħala korrispettiv għall-posponiment sal-10 ta' Diċembru 2002 tat-twettiq effettiv tal-bejgħ;
  - ordnat perizja sabiex jiġi stmat dan il-kap tad-dannu;
  - tat interessi fuq il-kumpens korrispondenti għal dan id-dannu.
- 2) *Il-kumpliment tal-appell huwa miċħud.*
- 3) *Il-partijiet għandhom jittrażmettu lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, f'terminu ta' tliet xhur mid-data tal-għoti tas-sentenza preżenti, l-istima tad-dannu kkonstitwit mill-ispejjeż sostnuti minn Schneider Electric SA sabiex tipparteċipa fit-tkomplija tal-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjoni li seħħet wara l-għoti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-22 ta' Ottubru 2002, Schneider Electric vs Il-Kummissjoni (T-310/01 u T-77/02), stima stabbilita bi ftehim komuni skont il-metodi indikati fil-punt 216 ta' din is-sentenza.*
- 4) *Fin-nuqqas ta' tali ftehim, il-partijiet għandhom jippreżentaw lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, fl-istess terminu, it-talbiet tagħhom dwar il-kwantifikazzjoni tad-dannu.*

5) *Il-kumpliment tar-rikors ta' Schneider Electric SA huwa miċħud.*

6) *Schneider Electric SA hija kkundannata tħallas, minbarra l-ispejjeż tagħha marbuta mal-proċedura tal-ewwel istanza u ma' din il-proċedura, żewġ terzi tal-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 22, 26.01.2008

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-16 ta' Lulju 2009 — SELEX Sistemi Integrati SpA vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

(Kawża C-481/07 P) (<sup>1</sup>)

**(Appell — Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad ilment imressaq kontra Eurocontrol — Dannu reali u ċert)**

(2009/C 220/07)

Lingwa tal-proċedura: It-Taljan

### Partijiet

**Appellanti:** SELEX Sistemi Integrati SpA (rappreżentanti: F. Sciaudone, R. Sciaudone u A. Neri, avukati)

**Parti oħra fil-kawża:** Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: V. Di Bucci u F. Amato, aġenti)

### Suġġett

Appell mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tieni Awla) tad-29 ta' Awwissu 2007, SELEX Sistemi Integrati SpA vs Il-Kummissjoni (T-186/05) li fiha l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadet bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata fil-liġi t-talba għall-ħlas ta' kumpens għal danni allegatament subiti mill-appellanti b'riżultat tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Frar 2004, li tiċħad l-ilment tal-appellanti fir-rigward ta' allegat ksur minn Eurocontrol tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE dwar il-kompetizzjoni

### Dispożittiv

- 1) *L-appell huwa miċħud.*
- 2) *SELEX Sistemi Integrati SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 37, 09.02.2008.